MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 143/2008

**Cut Coiffeur Company Limited**
**C-33501**

**vs**

**Christian Mifsud**

## Il-Qorti

Rat l-avvizipprezentat fit-18 ta' Marzu 2008 mis-socjeta rikorrenti kontra l-intimat fejn l-istess socjeta attrici talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimat ihallasha l-ammont komplessiv ta' hames t'elef, mitejn u sebgha u hamsin euro u disgha u erbghin centezmu (€5,257.49) jew somma ohra verjuri likwidabbli minn din il-Qorti rapprezentanti ammonti dovuti ai termini tal-kuntratt ta' l-impjieg li huwa kiser, oltre danni ohra kawza ta' l-imgieba abbuziva ta' l-istess intimati, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ipprezentata fil-21 ta' Mejju 2008, illi, kienet tikkonsisti f'zewg eccezzjonijiet preliminari

ta' natura irrizorja li gew sorvolati ma' l-ewwel seduta, kif ukoll eccezzjoni wahda fil-meritu. L-eccezzjoni fil-meritu kienet tghid li t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici stante illi s-somma mitluba mis-socjeta attrici mhijiex dovuta lilha stante li mhuwiex minnu li, kif inhu allegat mis-socjeta attrici, l-intimat kiser il-kuntratt ta' impjieg tieghu mas-socjeta attrici jew li l-intimat agixxa b'mod abbuziv versu s-socjeta attrici. Jekk xejn, hija s-socjeta attrici li kissret l-imsemmi kuntratt ta' impjieg u agixxiet b'mod abbusiv ma l-intimat hekk kif, wara li l-intimat informa lis-socjeta attrici li kien qed jittermina il-kuntratt ta' l-impjieg tieghu, is-socjeta attrici, minghajr pre-avviz, itterminatlu l-kuntratt ta' impjieg.

Rat il-kontro talba ta' l-intimatipprezentata kontestwalment mar-risposta illi fiha l-istess intimat talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta attrici thallsu s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u hamsa u erbghin ewro (€11,645), liema somma hija parti minn somma akbar dovuta, izda liema somma qed tigi ridotta ghall-iskopijiet tal-kompetenza ta' din il-Qorti, in parti bhala salarju ta' overtime dovut mis-socjeta attrici lill-konvenut, u in parte bhala penali dovut mis-socjeta attrici lill-intimat bhala konsegwenza tat-terminazzjoni intempestiva u ragjonevoli da parte ta' l-istess socjeta' attrici tal-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut u dan bi ksur ta' l-Artikolu 36 (9) u (11) tal-Kap 452.

Rat ir-risposta tas-socjeta rikorrenti ghal-kontro talba ipprezentata fil-25 ta' Marzu 2009 fejn sahqet illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-intimat accetta li jithallas flat rate bhala kumpens ghal kwalsiasi overtime filwaqt illi sahqet li hija ma keccietx lill-intimat izda waqqfitu milli jahdem in-notice period meta rrizulta illi, f'tali perjodu, huwa kien qed ihajjar klijenti imorru mieghu kif ukoll illi, meta ha gurnata 'sick leave' irrizulta illi xorta hareg ghax xoghol relatat mal-hanut il-gdid tieghu.

Rat l-affidavit ta' **Robert Laviera** (fol 21) datat 23 ta' April 2008 ipprezentat mir-rikorrent fid-29 ta' Ottubru 2008.

Rat l-affidavit ta’ **Daniela Borg** datat 23 ta’ April 2008 ipprezentat mir-rikorrent fid-29 ta’ Ottubru 2009.

Rat ix-xhieda ta’ **Christian Mifsud** moghtija fid-29 ta’ Ottubru 2008.

Rat l-affidavit ta’ **David Bajada** datat 9 ta’ Dicembru 2008 ipprezentat fl-10 ta’ Dicembru 2008 flimkien ma dokumentazzjoni maghha meghmuzha.

Rat ix-xhieda ta’ **Analise Calleja** moghtija fl-24 ta’ Frar 2009.

Rat ix-xhieda ta’ **Alex Lapira** moghtija fl-24 ta’ Frar 2009.

Rat ix-xhieda ta’ **Roberta Cassar Aveta** moghtija fil-21 ta’ Ottubru 2009.

Rat ix-xhieda ta’ **Mario Gatt** moghtija fil-21 ta’ Ottubru 2009 u dokumenti minnu pprezentati.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2009, is-socjeta rikorrent dikjarat li ma fadallhiex aktar provi.

Rat l-affidavit ta’ **Christian Mifsud** datat 25 ta’ Novembru 2009 u ipprezentat dakinhar stess flimkien ma dokumentazzjoni mieghu meghmuz.

Rat l-affidavit ta’ **Claudine Portelli nee’ Mifsud** datat 24 ta’ Novembru 2009 u ipprezentat fil-25 ta’ Novembru 2009.

Rat l-affidavit ta’ **Robert Laviera** (fol 114) datat 22 ta’ Dicembru 2008 u ipprezentat fit-3 ta’ Marzu 2010, fejn l-istess **Robert Laviera** xehed quddiem il-Qorti wkoll.

Rat ix-xhieda ta’ **Dr Michael Gonzi** moghtija fit-3 ta’ Marzu 2010.

Rat ix-xhieda ta’ **Vincent Grixti** moghtija fid-9 ta’ Gunju 2010.

Rat ix-xhieda in kontro ezami ta’ **David Bajada** illi sar fit-28 ta’ Ottubru 2011.

Rat id-dokumentazzjoni ipprezentata fil-Qorti mill-intimat wara x-xhieda ta’ l-istess David Bajjada u il-verbal illi ghamlu l-partijiet wara l-prezentata ta’ tali dokumentazzjoni.

Rat illi fit-12 ta’ Lulju 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza illi ghandha quddiemha il-Qorti tikkoncerna kuntratt ta’ impjieg illi l-intimat kellu mas-socjeta rikorrenti u li huwa ghazel illi jittermina qabel iz-zmien tieghu.

Is-socjeta rikorrenti, li ghandha diversi ‘hairdressing & beauty salons’ bl-isem ta’ Cut Coiffeur Royale, timpjiega diversi persuni f’mansjonijiet differenti sabiex imexxu x-xoghol taghhom. Fost l-impjegati taghha, fl-1 ta’ Jannar 2006 is-socjeta rikorrenti kienet ghamlet kuntratt ta’ impjieg ma’ l-intimat Christian Mifsud, illi precedentement kien apprendist maghhom. L-intimat gie impjegat bhala ‘hairstylist’ b’effett mill-1 ta’ Jannar 2006 u dana ghal perjodu ta’ tlett snin, u dana skond il-kundizzjonijiet illi gew miftiehma fil-ftehim datat 1 ta’ Jannar 2006 u esebit mis-socjeta rikorrenti a fol 2.

Illi, fit-28 ta’ Frar 2008, l-intimat kiteb lis-socjeta rikorrenti u gharrafha li kien qieghed jaghtiha n-‘notice of resignation’ bir-rizultat illi kien ser jispicca jahdem fit-28 ta’ Marzu 2008. Huwa zied jghid ukoll illi peress illi kien ghad fadallu 42 gurnata leave illi kienu jikkomprendu 20 gurnata fit-2006, 18 fil-2007 u 4 fit-2008, li kien intitolat li jpacihom man-notice period, huwa madanakollu kien dispost illi jahdem in-notice period u jithallas tal-leave pendenti fl-ahhar. Din l-ittra giet esebita bhala Dok DB2 a fol 32 tal-process.

Illi, fil-5 ta' Marzu 2008, is-socjeta rikorrenti rrispondiet ghall-ittra ta' l-intimat u gharrfitu illi, in vista tat-terminazzjoni tieghu, huwa kellu jhallas in-nofs ta' dak li kien ikun lilu dovut mid-data tat-terminazzjoni tieghu sad-data tat-terminu tal-kuntratt, ossija 31 ta' Dicembru 2008. Apparti minn hekk, huma avzawh illi kellhom informazzjoni illi huwa kien qieghed jghid lill-klijenti tas-socjeta rikorrenti li kien sejjer jiftah hanut ghal rasu u ghamel uzu mill-informazzjoni tal-klijentela tas-socjeta rikorrenti, u dana bi ksur tal-kuntratt ta' l-impjieg. Ghalhekk huma avzawh sabiex jiddesisti milli jkompli jaghmel hekk filwaqt illi hallewha f'idejn l-intimat jiddeciedi jekk iridx jibqa jahdem jew le.

Is-sitwazzjoni, madanakollu, ma zviluppatx kif mixtieq u bejn it-12 u 13 ta' Marzu 2008, waqt illi l-intimat kien ghadu jahdem mas-socjeta rikorrenti, huwa hareg bis-'sick leave' izda filghaxija intlemah barra u di fatti, kif stqarr l-istess intimat stess, huwa hareg biex jiltaqa' ma persuna illi minghandha kien ser jibda igib il-prodotti ghas-salon tieghu, li kien anke jisupplixxi lis-socjeta rikorrenti.

Nelfrattemp, ir-rapprezentat tas-socjeta rikorrenti, David Bajada, beda jissorvelja lill-intimat waqt li kien fuq xoghlu u rah diversi drabi jgharraf lill-klijenti tas-socjeta rikorrenti li ser jiftah ghal rasu.

Dan il-fatt, abbinat mal-fatt li kien intlemah barra meta kien attwalment irrapporta marid u mal fatt illi, wara indagini tas-socjeta rikorrenti, kien irrizulta allegatament illi mhux talli ma kellux jinghata leave, izda illi kien ha hafna time-off in lieu u vacation leave kien, kif jghidu l-Inglizi "the straw that broke the camel's back" u meta dahal lura ghax-xoghol fil-15 ta' Marzu 2008, Bajjada informa lill-intimat illi x-xoghol tieghu kien gie terminat minnufih.

In fatti, permezz ta' ittra datata 13 ta' Marzu 2008, is-socjeta rikorrenti, tramite il-konsulent legali taghha, gharrfet lill-intimat illi kellu jhallasha l-ammont ta' hames t'elef mitejn u seba' u hamsin ewro u disgha u erbghin centezmu (€5,257.49), ossija l-import tal-proceduri odjerni, kwantu ghall elfejn seba' mija u hamsa u tletin

ewro u hamsa u disghin centezmu (€2,735.95) ghan-nofs il-paga illi kien jithallas mill-1 ta' April sal-31 ta' Dicembru 2008, mija u tnejn u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€192.17) dovuti ghal nofs il-bonus illi kien ser jithallas f'tali perjodu u elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u seba' u tletin centezmu (€2,329.37) bhala danni prelikwidati a tenur tal-kuntratt ta' impjieg bhala rizultat tal-fatt illi huwa kien kiser l-obbligu tal-kunfidenzjalita' li kellu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li l-fatti kif indikati sa issa huma kollha rizultati tad-dokumentazzjoni esebita mill-partijiet. Ix-xhieda pprezentata mill-partijiet, madanakollu, jaghtu dehra ferm aktar komplessa tal-kaz li qed tikkonsidra il-Qorti.

Fost ix-xhieda taghhom, is-socjeta rikorrenti pproduciet bhala xhieda zewg impjegati taghha, ossija Robert Laviera u Daniela Borg. It-tnejn li huma stqarrew illi kienu jafu li l-intimat kien ser jitlaq qabel ma saret taf is-socjeta rikorrenti, u kienu jafu illi l-intimat kien qieghed ikellem lill-klijenti tas-socjeta rikorrenti u kien jghidilhom li kien ser juza l-istess prodotti illi kienu jintuzaw mis-socjeta rikorrenti. It-tnejn stqarrew illi l-intimat kien jaghti in-numru tal-mobile tieghu u anke kien ser jikkomunika mal-klijenti permezz ta' e-mails.

Robert Laviera, madanakollu, mhux aktar minn tmien xhur wara illi ghamel affidavit guramentat, wara illi kien temm l-impjieg tieghu mas-socjeta rikorrenti, ghamel affidavit iehor fejn cahad dak kollu illi gia ikkonferma bil-gurament tieghu u sahaq illi huwa kien qal dak kollu ghax kien qieghed jigi mhedded mis-socjeta rikorrenti kif kienet ukoll ix-xhud l-ohra Daniela Borg. Huwa ipproceda biex jghid bil-gurament li l-intimat qatt ma ta' id-dettalji tieghu lill-klijenti tas-socjeta rikorrenti, izda kienu l-klijenti li kienu jistaqsuh fejn kien ser imur u huma kienu jaghtuh in-numru taghhom. Apparti minn hekk, huwa ddeskriva lill-

intimat bhala leali hafna filwaqt illi s-socjeta rikorrenti kienet zlejali hafna kemm lejn l-intimat kif ukoll lejh stess.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi x-xhieda ta' Robert Laviera, mhux talli ma tistax titqies bhala kredibbli, izda kwazi kwazi tirrazenta id-disprezz lejn dina l-Qorti, u turi bl-aktar mod car u lampanti kif Laviera ma ghandu ebda sens ta' responsabbilta' lejn il-gurament tieghu u, altru milli "wera l-kuragg sabiex isewwi ingustizzja" kif ittratta l-abbli difensur ta' l-intimat, wera bl-aktar mod car illi l-gurament tieghu tvarja mal-lealta' tieghu - meta kellu lealta' lejn is-socjeta rikorrenti, kien lest jiehu gurament ghaliha imbaghad, meta iggieled maghha, kien lest jiehu gurament kontra taghha u jghid li dak kollu li qal qabel kien kollu gideb. Tali nuqqas da' parte tax-xhud Laviera ma jistax ma jigix punit minn dina l-Qorti u dan kif jidher aktar 'l quddiem.

Apparti dawn ix-xhieda, s-socjeta rikorrenti ipprezentat bhala xhud lil Analise Calleja illi stqarret li hija kienet klijenta regolari tas-socjeta rikorrenti izda qatt ma ltaqghet ma' l-intimat peress illi kienet tmur go 'salon' iehor. Madanakollu, darba minnhom hija irceviet diversi 'text messages' fuq ic-cellulari taghha fejn hija giet imhajjra tibda tmur ghandu.

Xehdet ukoll Roberta Cassar Aveta, illi kienet il-persuna li kienet tiehu hsieb il-pagi tas-socjeta rikorrenti, li stqarret li kull meta kien hemm xi ilment mill-impjegati, dawna dejjem gew irrangati u stqarret illi ma kien hemm ebda problema dwar il-pagi.

Xehed ukoll Mario Gatt, bhala rapprezentant tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali, illi xehed li, wara intervent tad-Dipartiment, is-socjeta rikorrenti kienet ghamlet kuntratt ta impjieg ghal haddiema taghha, liema kuntratt gie diskuss maghhom ukoll, u jidher illi d-Dipartiment ghamel xi kummenti dwar tali kuntratt mas-socjeta rikorrenti, Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi fid-dokumentazzjoni ipprovduta mill-istess xhud, il-Qorti ma hijiex f'pusizzjoni illi tifhem jekk kellhomx xi oggezzjoni jew le ghal xi partijiet tal-kuntratt u, jekk

kellhom oggezzjoni, x'kienet tali oggezzjoni, u ghalhekk il-Qorti qed tikkonkludi illi l-kuntratt kif redatt kien accettabbli ghad-Dipartiment.

Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, David Bajada, fix-xhieda tieghu, stqarr illi lill-intimat kienu jafdawh hafna u sahansitra kienu baghtuh barra minn Malta ghal course fil 'hairdressing' qabel ma eventwalment qabduh bhala 'Manager' tas-salon taghhom principali illi jinstab gewwa Paceville. Kien ghalhekk illi Bajada sahaq li inhasad meta l-intimat qallu li ser jitlaq mix-xoghol. Stqarr ukoll illi wara li l-intimat gharrfu li ser jitlaq, huwa beda jkellem impjegati ohra u dawna qalulu illi l-intimat kien ilu zmien jghid illi ser imur ghal rasu u kien ilu jghid lill-klijenti dwar dan. Huwa sussegwentement beda jghassu meta kien xoghol u inzertah xi drabi jkellem lill-klijenti ukoll. Kien ghalhekk illi huwa mar biex jiffaccja lill-intimat izda dakinhar li ried jaffaccjah, l-intimat hareg bis-sick leave. Meta eventwalment reggha dahal jumejn wara, Bajada gharraf lill-intimat illi kellu jitlaq minnufih.

Il-Qorti tinnota illi, fix-xhieda ta' l-istesss rikorrent in kontro ezami, huwa sahaq illi qatt ma kellu problemi ma impjegati ohra dwar pagi. Madanakollu, sussegwentement, irrizulta lill- Qorti illi kien hemm diversi kawzi kontra Alex Lapira, il-partner l-iehor fix-xoghol tieghu, fejn inqalaw kwistjonijiet dwar hlas ta' overtime dovut lill-impjegati. Il-Qorti, filwaqt illi tifhem illi l-proceduri ma infethux kontra Bajada stess izda infethu kontra Lapira, tistqarr illi tara kemmxejn inveritjer il-fatt li Bajada ma kienx jaf b'tali kawzi illi saru kontra tieghu.

Madanakollu, il-Qorti tinnota illi, il-fatt jekk kienx hemm tali kawzi jew la, a differenza ta' dak illi qed jigi allegat mill-intimat, ma ghandu ebda portata fuq il-kawza odjerna, u dana ghal ragunijiet illi ser jigu spjegati aktar 'l isfel.

l-intimat, da parte tieghu, ipprezenta bhala xhieda, apparti dik tieghu, dik ta' ohtu Claudine Portelli, ta' Robert Laviera, illi dwaru il-Qorti gia esprimiet ruhha, ta' Dr Michael Gonzi u ta' certu Vincent Grixti.

Vincent Grixti ikonferma illi kien jara lill-intimat fil-hanut gewwa Bay Street, fatt mhux kontestat, filwaqt illi Dr Michael Gonzi ikkonferma ic-certifikat tal-mard minnu mahrug ghat-12 ta' Marzu 2008, izda ma seta jitfa ebda dawl fuq il-fatt jekk l-intimat setax johrog jew le dakinhar, haga illi, del resto, l-istess intimat stqarr illi kien ghamel minkejja li kellu certifikat tat-tabib.

Claudine Portelli ghamlet referenza ghall-email illi hija baghtet lil diversi klijenti tas-socjeta rikorrenti fejn kienet qed tippromwovi il-hanut 'l gdid ta' huha l-intimat. Hija sahqet illi kienet baghtet l-emails kollha lill-hbieb taghha biss u dana biex tghin lil huha. Filwaqt illi l-Qorti mhijiex ser toqghod tidhol fil-fatt jekk il-persuni kollha illi hija baghtet l-email humiex hbieb taghha jew le, johrog madanakollu l-fatt li l-intimat kien qed jaghmel promozzjoni ghas-servizz tieghu b'kull mezz, inkluz permezz tal-familjari tieghu.

L-intimat, imbaghad, fl-affidavit tieghu, ipproceda biex jiggustifika r-raguni ghaliex huwa telaq minn mas-socjeta rikorrenti, fejn huwa sahaq illi kien qed jahdem ghal hafna aktar minn dak illi tieghu kien imhallas u, apparti minn hekk, huwa qatt ma kien jithallas overtime, liema overtime huwa kien qieghed jippretendi li jithallas u li ghalhekk kien qieghed jitlob il-hlas tieghu. Huwa sahaq li fl-ebda mument ma ikkomunika ma klijenti biex jiehu n-numri tat-telefon taghhom u qatt ma uza 'data' illi kellha s-socjeta rikorrenti tal-klijenti taghha. Madanakollu, huwa kkonferma illi, meta suppost kien marid, huwa hareg sabiex jiltaqa ma persuna, liema persuna, skond l-intimat, kien jipprovdi lis-socjeta rikorrenti bil-prodotti tax-xaghar u kien intalab mill-intimat sabiex jibda jipprovdilu tali prodotti wkoll izda kienet saret taf dan is-socjeta rikorrenti u kienet qieghda theddu li mhix ser tixtri minghandu jekk tbiegh lill-intimat. Kien ghalhekk illi huwa ltaqa ma' tali persuna minkejja li kien marid.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, f'dan l-istadju taghmel referenza ghall-artikolu 75 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta li tikkoncerna il-

gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali, liema artikolu jikkontempla illi

*Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -*
*(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u*
*(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,*
*għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r- rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:*

Issa, fil-kaz inezami, jirrizulta mit-talba rikonvenzjonali ta' l-istess intimat, illi t-talba kif redatta hija wahda li tinkwadra unikament fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

Di fatti, din il-Qorti ma hijiex kompetenti tiddeciedi jekk it-terminazzjoni kienet ingusta jew le u, ghalhekk, jekk l-intimat haqqux penali tat-terminazzjoni ingusta kif qieghed jitlob l-istess intimat.

Dwar il-kundizzjoni ta' l-impjieg ta' l-intimat, certament din il-Qorti ma hijiex kompetenti li tisma dana il-kaz, u dana qieghed jinghad fil-kuntest ta' dak mitlub mill-intimat fejn qed jintalab li penali stabbilita fil-kuntratt ta' impjieg jigi dikjarat null u bla effett.

Finalment, dwar il-kwistjoni ta' l-overtime imressqa mill-intimat, apparti mill-fatt illi din il-Qorti, fuq il-bazi ta' dak gia fuq indikat tistqarr illi ma hijiex il-forum idoneu fejn tali talbiet ghandhom isiru, tirrileva wkoll illi fil-kuntratt ta' impjieg, jidher stipulat bl-aktar mod car u lampanti illi x-xoghol ta' l-intimat kien wiehed li jenhtieg 'flexible hours', u f'kaz illi hemm aktar, huwa kien ser jithallas ammont ta flus zejda biex jaghmlu tajjeb ghal tali sieghat zejda.

Apparti minn hekk, f'kaz illi l-intimat kien ser jahdem f'festi pubblici, dana kien pprovdut ghalih.

Il-Qorti, filwaqt illi taghmel referenza ghal Roberta Cassar Aveta illi, bhala accountant, qalet illi ma kien hemm ebda problema dwar pagi illi dwarhom kienet taf hi, tinnota wkoll illi fil-mument illi l-intimat rrediga l-ittra tar-rizenja tieghu, ma jidhirx illi huwa qatt ghamel referenza ghal xi overtime zejda li taghha huwa ma thallasx, ghalkemm certament kien inghata il-pariri legali professjonali kollha mehtiega kif jirrizulta mill-ittra stess. Kull ma semma l-intimat kien il-leave pendenti illi huwa kellu.

Tali ittra turi illi, fil-mument illi huwa  kien ser jitlaq minn mar-rikrorent, ma kienetx tezisti assolutament l-ebda pendenza relatata ma hlas ta' overtime bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimat, u l-intimat ghadda biex johloq tali talba unikament wara illi nbdew il-proceduri kontra tieghu quddiem il-Qorti, preumibbilment bl-isperanza illi tali rikjesta tkun tista tkun pacjuta mal-ammont dovut minnu lis-socjeta rikorrenti.

Ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti mhiex ser tkompli tikkonsidra it-talba tar-rikorrenti ghal hlasijiet minnu pretizi u lanqas ma hija ser tkompli tiehu in konsiderazzjoni id-difiza illi t-terminazzjoni tieghu kienet ingusta.

Dwar it-talba attrici, il-Qorti taghmel referenza ghall-kuntratt ta' impjieg iffirmat mill-intimat mas-socjeta rikorrenti, id-dicitura ta' liema kuntratt u car u perentorju - f'kaz illi impjegat jitlaq qabel iz-zmien, kellu jhallas nofs dak kollu li kien fadallu jithallas u f'kaz illi jkun hemm  xi ksur tat-termini ta' kunfidenzjalita' tal-kumpannija rikorrenti, tali impjegat kien suggett ghall multa wkoll.

Issa, fil-kaz in ezami, ma huwiex diskuss illi l-intimat ttermina l-impjieg tieghu qabel iz-zmien stabbilit fil-kuntratt, ir-ragunijiet ghala l-intimat iddecieda illi jaghmel hekk din il-Qorti m'hiex ser tidhol fihom salv illi tinnota li kien ilu li sab hanut fejn imur u kellu zmien bizzejjed, waqt li kien ghadu qed jahdem mas-socjeta rikorrenti, illi jarmah

u jirrangah sabiex ikun jista jiftah gimghatejn wara illi jispicca minn mas-socjeta rikorrenti.

La darba ma huwiex kontestat illi l-intimat ttermina il-kuntratt qabel iz-zmien stabbilit, allura il-penali dovuta skond l-artikolu 32 tal-kuntratt ta’ impjieg, liema penali, skond l-ittra tal-konsulent legali, mhix kontradetta, kien jammonta komplessivament ghal elfejn ewro disa mija u tmienja u ghoxrin u tnax –il centezmu (€2,928.12), vide fol 35.

It-tieni parti tat-talba attrici tikkoncerna il-penali illi kienet stabbilita fil-kuntratt ta’ impjieg u kienet tiskatta f’kaz illi l-kundizzjonjiet 23 sa 26 tal-kuntratt ta’ impjieg jigu vvjolati.

Mill-provi irrizulta car li l-intimat kien qieghed jikkomunika mal-klijenti tas-socjeta rikorrenti kemm qabel ma rrizenja kif ukoll wara illi telaq mill-post tax-xoghol, u dana bil-ghan illi jiehu l-klijenti minghand is-socjeta rikorrenti ghal ghandu personalment.

Madanakollu, anke jekk wiehed kellu jitfa xi dubju zghir fuq dana il-fatt, liema dubju il-Qorti taghmilha cara illi ma ghandhiex, il-fatt illi l-intimat kien qieghed jikkomunika mal-persuna illi jipprovdi lis-socjeta rikorrenti bil-prodotti tax-xaghar, u dana bil-ghan illi jibda jaghmel uzu minnhom huwa stess hija prova cara bizzejjed illi l-intimat kien qieghed juza l-informazzjoni li hu ottjena minghand is-socjeta rikorrenti a beneficcju tieghu, u dana bi ksur tal-obbligi minnu assunti.

Il-Qorti hija ghalhekk, kemm moralment kif ukoll fattwalment konvinta illi l-intimat ghamel uzu mill-informazzjoni tal-kumpannija rikorrenti sabiex jibbenefika huwa stess fix-xoghol tieghu personali u dana ghad-detriment tal-kumpannija rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti kemm quddiemha kif ukoll quddiem dina il-Qorti, diversament ppresjeduta,

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi billi

Dwar it-talba attrici

Tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat u tilqa' t-talba attrici kif dedotta u
Dwar it-talba rikonvenzjonali;

Tichad it-talba rikonvenzjonali u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta rikorrenti

u ghalhekk

Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrentil-ammont komplessiv ta' hames t'elef, mitejn u sebgha u hamsin euro u disgha u erbghin centezmu (€5,257.49) rapprezentanti ammonti dovuti ai termini tal-kuntratt ta' l-impjieg li huwa kiser.

Spejjez ta' dawna l-proceduri ikunu kollha a karigu ta' l-intimat

Bl-imghax fuq l-ammont dovut kalkolabbli mit-18 ta' Marzu 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-Qorti ukoll tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipprocedi kriminalment kontra Robert Laviera ghal gurament falz skond il-Ligi in vista tat-testimonjanza tieghu quddiem dina l-Qorti u l-affidavits minnu ipprezentati quddiem dina l-Qorti a fol 31 u fol 114 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------